MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 191/2007

Kawza fil-lista: 39

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fil-15 ta’ Lulju 2002, u f’dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal fis-26 ta’ Mazu 2003 u fil-21 ta’ Mejju 2004; li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut stante li rrenda ruhu hati ta’ vjolenza kemm fizika kif ukoll morali, swat, sevizzi, minacci u ingurji gravi fil-konfront ta’ l-attrici; li l-istanza odjerna giet debitament awtorizzata mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja; u ghalhekk qed titlob li dina il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet

ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut; [2] tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn l-attrici; [3] takkorda retta alimentarja ghall-attrici u ghall-ulied, li ghandu jithallas mill-konvenut; [4] tillikwida somma rapprezentanti hlas ta' arretrati ta' manteniment ghall-attrici u l-minuri; [5] tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni; [6] tapplika kontra l-intimat interament jew in parti is-sanzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kodici Civil Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa li: [1] hu jaqbel li tigi pprununzjata s-separazzjoni, izda jikkontesta l-htija attribwita lilu liema htija ghandha tkun attriwibbli lill-attrici; [2] jaqbel mat-tieni talba basta jigi determinat l-access tal-minuri; [3] dwar it-tielet u r-raba talba, il-konvenut jiddikjara illi huwa jhallas regolarment LM30 fil-gimgha, u mhux veru li naqas milli jhallas manteniment ghalhekk mhumiex dovuti l-ebda arretrati; [4] ma joggezzjonax ghall-hames talba u jiddikjara li ma hemm xejn x'jigi diviz u li huwa xtara vettura wara l-partijiet sseparaw *de facto*; [5] jirrispingi s-sitt talba stante l-fatt li l-htija tat-tkissier taz-zwieg ghandu jkun imputabbli lill-attrici;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi ta' xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat il-verbal fejn is-smigh tal-kawza gie sospiz ghal certu perijodu taz-zmien fuq talba tal-partijiet bi skop li dawn jesploraw il-possibilita' ta' transazzjoni;

Rat il-verbal tas-smiegh tas-6 t'April 2011 fejn l-attrici talbet ukoll li tirriverti ghall-kunjom xbubita u cjoe 'Scalpello'.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob li din l-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg ta' bejniethom tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijeit imputabbli lill-konvenut fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn naha tieghu l-konvenut qed jikkonstesta l-htija attribwita lilu.

Iz-zewg partijiet qed jitolbu wkoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewwgu fil-15 Lulju 2002, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-itfal Amira u Yasmine li twieldu rispettivament fis-26 Marzu 2003 u fil-21 Mejju 2004. Minhabba l-inkwiet matrimonjali, l-attrici telqet bit-tfal minuri mid-dar konjugali f' Jannar 2006 u marret tghix ghand ommha. Sussegwentement, wara s-separazzjoni de facto, hija dahlet f' relazzjoni extra-matrimonjali, u llum ghandha tarbija minn din ir-relazzjoni.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tghid li l-konvenut kien ghajjur hafna u kien possessiv fil-konfront taghha, b'xi episodji ta' vjolenza ezercitata fuq l-affarijiet fid-dar. Tispjega li qatt ma kienu jmorru l-bahar ghax kien jinsisti li martu tghum bix-xorts u bit-T shirts, ukoll kien isegwiha kull fejn tmur u jitlobha sodisfazzjon dwar telefonati li jigu registrati fuq il-mobile taghha. Tant kienet kbira s-sikkatura ezercitata fuq l-attrici li f' xi okkazzjonijiet hi kienet telqet mid-dar konjugali u marret tghix ghand ommha, izda kienet tirritorna lura wara weghdiet li kien jaghmel il-konvenut, stante li kien jibza' li jkeccuh minn Malta.

Hija tichad kategorikament li kienet tohrog ta' spiss u tidhol id-dar xurbana. Tghid li s-sikkatura da parti ta' zewgha tant kienet kbira li maz-zmien il-konvivenza matrimonjali kienet saret insapportabbli, u ghalhekk hi kienet telqet f' Jannar 2006.

Hija tghid li, wara li hi telqet mid-dar, il-konvenut mhux dejjem ghadda manteniment.

Il-konvenut jichad li huwa kien kagun tat-tkissier ta’ dan iz-zwieg u jichad l-allegazzjonijiet li ghamlet l-attrici. Huwa jsostni li z-zwieg sfaxxa tort ta’ l-attrici li kienet tohrog mal-hbieb, u tigi lura xurbana.

Illi l-attrici ghandha relazzjoni ma’ ragel iehor li minnu ghandha tarbija.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Illi l-attrici tghid li l-konvenut kien possessiv fil-konfront taghha u ta’ uliedhom sa tal-grad li kien joggezzjona anke f’dak li huma ghandhom jilbsu. Omm l-attrici tikkonferma dan u tghid ukoll li kien hemm xi episodji ta’ vjolenza fejn l-partijiet iggieldu bl-idejn. L-attrici ssostni li s-sitwazzjoni d-dar kienet tant insopportabbli ghaliha li hi kienet kostretta li titlaq mid-dar f’ aktar minn okkazzjoni wahda.

Il-konvenut minn naha tieghu jichad dak attribwit lilu mill-attrici, u jghid li l-kawza tat-tkissir taz-zwieg kienet ir-relazzjoni extra-matrimonjali tal-konvenuta.

Illi din il-Qorti, tenut kont ta’ dak allegat, dak kontestat, u dak provat hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tort taz-zewg partijiet: minn naha ta’ l-attrici, jirrizulta li din dahlet f’ relazzjoni extra-matrimonjali u llum qeda f’ relazzjoni stabbli, filwaqt li minn naha tal-konvenut jirrizulta li, matul il-konvivenza, dan kien igib ruhu hazin u kien possessiv izzejjed fil-konfront ta’ l-attrici u ta’ uliedu, tant li okkazzjonalment l-attrici kienet titlaq mid-dar konjugali u tmur ghand ommha.

Fil-fehema tal-Qorti il-komportament abbuziv da parti taz-zewg partijiet jirrendu applikabli fl-intier tieghu d-dispost ta’ l-artikolu 48[1] tal-Kap.16. mit-31 Jannar 2006

**Kura u Kustodja**

Illi f’ dan ir-rigward jidher li ma’ hemmx daqshekk kontestazzjoni, u l-Qorti, tenut kont ta’ l-interessi tal-minuri, tafda l-kura u kustodja esklussiva ta’ l-istess lill-

attrici, bid-dritt ta’ access favur il-missier mis-Sibt 5.00 pm sat-8.00 pm.[1]

Inoltre tordna li l-missier ikollu s-segwenti access: il-festi ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet; f’jum il-missier u f’gheluq snin il-missier ghandu jkun hemm access ghall-missier ta’ l-anqas tlett sieghat u jum l-omm u f’gheluq snin ta’ l-omm il-minuri ghandhom ikunu ma’ l-omm, jekk tinserta gurnata t’access tal-missier dina ghandha tinbidel b’gurnata ohra, f’gheluq snin il-minuri l-access tal-missier ghandu jkun ta’ l-anqas saghtejn;

**Manteniment**
Illi, stante li l-attrici hija hatja ta’ adulterjru, hija ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment ghaliha.

*Manteniment Futur*
Illi din il-Qorti tenut kont tac-cirkostanzi relevanti ghall-fini ta’ dan il-kap., tikkonferma d-digriet taghha tat-28 Gunju 2010, u tordna li l-konvenut jibqa’ jhallas lill-attrici bhala manteniment ghal kull wild minuri s-somma ta’ mija tlieta u sittin ewro [€163] kull erba’ gimghat, liema ammont ikopri l-ispejjez edukattivi u medici tal-minuri, hlief spejjez ta’ natura straordinarja li ghandhom jigu sopportati wgwalment bejn iz-zewg partijiet.

*Manteniment Arretrat*
Illi l-konvenut naqqas milli jgib provi sufficjenti sabiex jissostanzja l-fatt li huwa dejjem ghadda manteniment lill-martu ghall-uliedu minuri;  izda mill-banda l-ohra l-attrici ma resqitx provi sodisfacenti sabiex jigu jdentifikati l-ammonti pretizi minnha bhala arretrati ta’ manteniment mhux imhallas, inkluz id-dati rispettivi;  u ghalhekk ser tastjeni milli tippronunzja ruhha fuq dan l-aspett tal-kawza, minghajr prgudizzju ghad-dritt taghha li taghmel din il-pretensjoni fi proceduri separati.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

[1] Vol.2 – fol.237

Illi fil-komunjoni ma hemmx assi, ghajr ghal zewg vetturi li kienu gew akkwistati mill-konvenut f' Gunju 2009 u fis-sena 2008, u ghalhekk wara d-data tad-dekadenza.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tordna li kull parti izzomm l-oggetti mobbli li jinsabu fil-pussess taghha u kull wiehed mill-partijiet izomm il-kontijiet bankarji intestati f'isimhom rispettivament, filwaqt li kull wiehed mill-partijiet ikun unikament responsabbli ghal kwalunkwe dejn ikkuntrattat minnu jew minnha ad insaputa tal-parti l-ohra.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija taz-zewg partijiet;

[2] tilqa' t-tieni talba limitatament kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';

[3] tilqa' t-tielet talba limitatament kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';

[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba;

[5] tilqa' il-hames talba fis-sens li tiddikjara xjolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti, u li din ghandha tigi likwidata u assenjata kif fuq indikat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

[6] tilqa' is-sitt talba u tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispost fl-intier tieghu ta' l-artikolu 48[1] tal-Kap.16;

[7] tawtorizza lill-attrici tirreverti ghall-kunjom xbubitha u cjoe 'Scalpello'.

L-ispejjez ikunu a kariku taz-zewg partijiet fi kwoti ugwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------